# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta’ Frar 2020 – Amisi Kumba vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-163/18)** [1]

***(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta’ fondi – Proroga tal-inklużjoni ta’ isem ir-rikorrent fil-lista tal-persuni kkonċernati – Obbligu ta’ motivazzjoni – Drittijiet tad-difiża – Obbligu tal-Kunsill li jikkomunika l-elementi ġodda li jiġġustifikaw it-tiġdid tal-miżuri restrittivi – Żball ta’ liġi – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Dritt għall-proprjetà – Proporzjonalità – Preżunzjoni ta’ innoċenza – Eċċezzjoni ta’ illegalità”)***

(2020/C 103/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Gabriel Amisi Kumba (Kinxasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, M. Forgeois u A. Guillerme, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, H. Marcos Fraile u S. Van Overmeire, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2282 tal-11 ta’ Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2017, L 328, p. 19), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrent.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Gabriel Amisi Kumba huwa kkundannat għall-ispejjeż.

[1] ĠU C 161, 7.5.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta’ Frar 2020 – Kampete vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-164/18)** [1]

***(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta’ fondi – Proroga tal-inklużjoni ta’ isem ir-rikorrent fil-lista tal-persuni kkonċernati – Obbligu ta’ motivazzjoni – Drittijiet tad-difiża – Obbligu tal-Kunsill li jikkomunika l-elementi ġodda li jiġġustifikaw it-tiġdid tal-miżuri restrittivi – Żball ta’ liġi – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Dritt għall-proprjetà – Proporzjonalità – Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura – Eċċezzjoni ta’ illegalità”)***

(2020/C 103/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ilunga Kampete (Kinxasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, M. Forgeois u A. Guillerme, avukati)